MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 420/2007

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali**

**vs**

**Antonia sive Nina Ciappara (ID 844948(M))**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur fit-13 ta' April, 2007, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi fit-8 ta' Lulju 2004 din l-Onorabbbli Qorti akkordat ir-rikors ta' Catherine u Carmelo mizzewgin Mifsud ghall-hrug mandat ta' qbid numru 1181/04;

Illi fl-ezekuzzjoni ta' tali mandat ta' qbid, l-Marixxal Carmenu Xuereb ezegwixxa l-mandat fit-13 ta' Lulju 2004

u fil-31 ta' Awissu 2004, fejn elenka lista ta' oggetti debitament maqbuda, fl-indirizz moghti 6, Guze Muscat Azzopardi Street, Qormi;

Illi, sussegwentement, Carmelo Mifsud, permezz ta' rikors intavolat fit-28 ta' Frar 2005, talab l-elevazzjoni ta' tali oggetti u n-nomina ta' kunsinnatarju, liema talba giet milqugha mill-Qorti fis-26 ta' April 2005, fejn, fost affarijiet ohra, gie nominat bhala kunsinnatarju John Axiaq;

Illi, fit-28 ta' Settembru 2005, l-Marixxal Carmenu Xuereb mar biex jeleva l-oggetti u sab tfixkil da parti ta' Antonia sive Nina Ciappara b'mod illi huwa ma setax jezegwixxi l-ordnijiet tal-Qorti;

Illi l-Marixxal Carmenu Xuereb gharraf lill-Qorti b'dana kollu u b'digriet tat-30 ta' Settembru 2005 din l-Onorabbli Qorti ordnat sabiex jinfethu proceduri ta' disprezz fil-konfront ta' Antonia sive Nina Ciappara;

Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza;

Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Issib lill-intimata Antonia sive Nina Ciappara hatja ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-termini tat-Titolu XV11 tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u
2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimata ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XV11 fuq imsemmi;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ingunta in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma tidhirx hija tista tigi mgieghla biex twiegeb ghall-akkuzi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk tali talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-provi migbura, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi, minkejja illi l-partijiet inghataw zmien xieraq sabiex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet dan m'ghamluhx;

Ratt illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza giet intavolta mill-attur sabiex il-konvenuta tigi misjuba hatja ta' disprezz u dana peress illi kif irrapporta il-Marixall Carmenu Xuereb, huwa ma esegwix il-mandat ta' qbid kontra il-konvenuta peress illi meta mar fl-indirizz moghti 6, Guze Muscat Azzopardi Street, Qormi, il-konvenuta meta wasal dahlitu gewwa u qaltlu li kienet ser iccempel lill-pulizija. Il-Marixall Carmenu Xuereb irrapporta illi huwa qalilha biex icempel lil min riedet. Hija cemplet lill-pulizija, huwa taha in-numru tal-Qorti sabiex tkun tista iccempel lill-Qorti kif qalulha biex taghmel il-pulizija, izda sussegwentement bdiet titkellem tghajjat u bdiet tghid lill-Marixxall li kien mixtri u biex jitlaq 'il barra. Ghalhekk il-Marixxall telaq 'il barra u ma setghax jezegwixxi il-mandat. Prezenti mal-Marixall kien hemm il-kunsinnatarju mahtur mill-Qorti, John Axisa ta' Tower Garaxx, St Gerrard Street, San Pawl il-Bahar.

Illi dan ir-rapport sar mill-Marixall fit-28 ta' Settembru 2005 u il-Qorti, permezz ta' digriet moghti fit-30 ta' Settembru 2006, ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jiftah proceduri ta' disprezz fil-konfront tal-konvenuta odjerna.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Carmelo Mifsud illi kien il-kreditur tal-konvenuta u li kien ipprezenta il-Mandat ta' Qbid illi sussegwentement ma giex ezegwit, u qal illi huwa ma kienx prezenti meta il-Marixall mar sabiex jeleva l-oggetti minghand il-konvenuta, izda jaf, ghaliex il-Marixxall kien qallu illi ma jistax jezegwixxi il-Mandat ta' Qbid u li jekk kellu jerga imur kien ser ikollu imur bil-pulizija. Carmelo Mifsud kompla jixhed illi kien dahal medjatur bejnu u bejn il-konvenuta u ghalih illum il-gurnata dan il-kaz huwa mejjet u ma ghandu l-ebda pretenzjoni ulterjuri minghand il-konvenuta.

Illi xehdet ukoll il-konvenuta illi ammettiet illi kien sar mandat ta' qbid kontra taghha, kien mar il-Marixall id-dar u skond il-konvenuta, il-Marixall kien ha kulma ried u hi ma kienitx kellmitu. Il-konvenuta xehdet illi ma tiftakarx x'kien jismu il-Marixall, izda kien gie id-dar taghha u ha l-oggetti u id-dar taghha tinsab 6, Guze Muscat Azzopardi Street, Qormi. Mistoqsija jekk kienx minnu illi hija kienet ghajjret lil Marixall mixtri u li kien qaltlu biex jitlaq 'il barra, il-konvenuta cahdet u qalet illi l-Marixall huwa giddieb. Hija xehdet illi kien hemm zewg persuni ohra mal-Marixall u kien hemm tat-trukkijiet u li l-Marixall kien ghabba kollox u hadhom mid-dar taghha. Hija xehdet li kien ha il-wall unit, sotto specchio, il-kamra tat-tfal, il-kamra ta' l-ikel, grillioso, radio u nehha hafna affarijiet minn fuq il-bank, izda kien hallilha zewg sodod, ghaliex l-iehor kien qallu "hallihomha ghaliex ghandha it-tfal" u kien dawk biss li kien hallilha. Il-konvenuta kompliet tixhed illi lil Carmelo Mifsud hallsitu kollox, anke tal-mandat u Mifsud kien qalilha ikklerjajna, lesti, hlisna. Hija xehdet illi fuq il-kaz illi kellha ma Mifsud il-Marixall tal-Qorti kien dam tlett snin gej u sejjer id-dar taghha kontinwament u qatt ma kien jigi bil-badge. Hija xehdet illi il-Marixall dejjem dahal u hija qatt ma keccietu 'il barra. Il-konvenuta kompliet tixhed illi meta kien jigi il-Marixall dejjem kien jghidilha "jew hamsa u ghoxrin elf lira, jew l-ghamara" u ftakret illi meta kien gie il-Marixall u ha l-affarijiet dan kien fis-sajf. Il-konvenuta xehdet ukoll illi ilha snin illi solviet il-pendenzi kollha li kellha ma Carmelo Mifsud. Il-konvenuta in kontro-ezami xehdet illi meta mar il-Marixall ha l-affarijiet minn go darha ma talabhiex

tiffirma karti, talabha tiffirma meta il-Marixall u Mifsud gew it-tnejn flimkien, anzi gie wiehed tal-karti u marru jhallsuhomha huha u ir-ragel ta’ ohtha u kien ghalhekk illi kienu gabulha l-ghamara lura id-dar. Hija xehdet illi ir-ragel ta’ ohtha kien gie bil-karti u kien qalilha “hemm ha, inqtajt minn mieghu” u l-ghada gabulha lura l-ghamara. Umbaghad rega gie tal-Mandat, habtilha u qalilha “inqtajna, daqshekk, irrangajna.” In kontro-ezami il-konvenuta cahdet illi ippruvat twaqqaf il-Marixall milli jiehu l-ghamara u fil-fatt qeghdilha kollox fl-art u hadilha kollox. Kien hemm ukoll tat-trukk, bdew jaqilbu kollox fl-art u hadu kollox.

Illi meta inqralha ir-rapport illi kien ghamel il-Marixall, il-konvenuta xehdet illi hija la gabet il-pulizija lill-Marixall u ma gabitlu lil hadd u cahdet dak illi hemm imnizzel fir-rapport tal-Marixall.

Ikkunsidrat :

Illi l-Marixall illi ghamel ir-rapport kif imsemmi aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat ma tressaqx sabiex jixhed viva voce f’dawn il-proceduri.

Illi l-konvenuta cahdet kategorikament il-kontenut kollu tar-rapport maghmul mill-Marixall Carmenu Xuereb.

Illi Carmelo Mifsud, illi kien il-kreditur tal-konvenuta fil-proceduri civili illi waslu ghall-Mandat ta’ Qbid in kwistjoni, xehed illi huwa ma kienx prezenti meta il-Marixall mar fid-dar tal-konvenuta sabiex jeleva l-oggetti. Huwa xehed illi issa kollox huwa ikklerjat u ma ghandu l-ebda pendenza fil-konfront tal-konvenuta.

Ikkunsidrat :

Illi minkejja il-fatt illi il-Marixall Carmenu Xuereb irrapporta illi meta gara dak illi allegatament gara, meta mar sabiex jezegwixxi il-Mandat ta’ Qbid kien prezenti mieghu John Axisa, il-kunsinnatarju, l-attur naqas milli itella jixhed lill-kunsinnatarju jixhed sabiex jikkollaboraha ir-rapport tal-Marixall.

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ta' Appell fil-kawza fl-ismijiet Bonello vs Onor Prim Ministru et deciza fit-28 ta' Frar 1997 qalet hekk :

"L-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap.12) hu ta' natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita' tal-Qorti."

Illi wahda mill-poteri ewlenin ta' kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet u il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. Ordni tal-Qorti f'dan il-kaz jinkludi id-digriet illi jordna il-hrug ta' Mandat ta' Qbid.

Illi fis-sentenza tieghu fil-kawza "In Re Bramblevale Limited ta' l-1970 Lord Denning jinkwadra n-natura tal-istitut tad-disprezz tal-Qorti b'dan il-mod :

"This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt."

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi l-akkuza ta' disprezz iggib maghha il-htiega illi issir il-prova minn min qed irressaq l-akkuza illi l-persuna akkuza riedet akkuzata riedet tisfida lill-Qorti u l-awtorita' taghha. Ghalhekk il-prova tal-element intenzjonali hija vitali u tikkostitwixxi l-agir tad-disprezz b'mod li minghajru ma jsir l-ebda disprezz (Vol.LXVII.II.7).

Illi ghalhekk il-procediment tad-disprezz huwa sanzjoni kontra min ikun gab b'idejh u b'ghemilu jew bl-omissjoni tieghu skond il-kaz, ksur ta' ordni moghtija lilu. L-attur f'kawza ta' din in-natura qieghed huwa nnifsu jesegwixxi ordni moghtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat :

Illi wara li l-Qorti fliet sew il-provi kollha prodotti, tiddikjara li ma tistax tifhem kif l-attur ma tellax jixhed lill-Marixall u lill-kunsinnatarju f'dawn il-proceduri. Il-Qorti dan qeghda tghidu peress illi oltre il-provi dokumentarji il-Qorti irid ikollha mohha mistrieh partikolarment fi proceduri ta' din ix-xorta, ta' natura kriminali, li tkun tista' taghti gudizzju seren, fundat u imsejjes fuq provi guramentati.

Illi quddiem din il-Qorti il-konvenuta sostniet bil-gurament taghha, u dan ghaliex diversi drabi, illi bl-ebda mod ma ghamlet jew qalet dawk l-affarijiet kif hemm imnizzla fir-rapport tal-Marixall.

Illi parti mix-xhieda tal-konvenuta, fis-sens illi illum il-gurnata hija ma ghandha taghti xejn aktar lill-kreditur taghha, giet ikkorroborata bix-xiehda bil-gurament ta' l-istess kreditur illi xehed illi ma hemm l-ebda pendenza pendenti bejnu u bejn il-konvenuta.

Illi kontra l-prova ta' l-attur tar-rapport tal-Marixall, il-Qorti tinsab rinfaccata bic-cahda totali ta' l-konvenuta u il-Qorti ma kellhiex l-opportunita sabiex tisma bil-gurament lill-Marixall u lanqas lill-kunsinnatarju illi kien prezenti skond ir-rapport maghmul mill-istess Marixall. Ghalhekk il-Qorti tghid illi ma ghandhiex prova konklussiva u minghajr dubju dettat mir-raguni tal-inadempjenza tal-konvenuta u wisq anqas ghandha l-prova illi l-konvenuta riedet tisfida lill-Qorti u lill-awtorita' taghha. Daqstant iehor ma ghandha l-ebda prova tal-element intenzjonali, liema element huwa vitali u jikkostitwixxi l-agir tad-disprezz li minghajru l-ebda disprezz ma jista' jsir.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha imsemmija, din il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tichad it-talbiet attrici. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------